# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 6 ta' Dicembru, 2021

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 38/2021 ISB**

**Rikors ta' (1) Stephen Gove` (K.I. 387966M); (2) Alan Gove` (K.I. Numru 127277M); (3) Maria Formosa (K.I. Numru 21364M); (4) Joseph Formosa (K.I. Numru 741162M) ghal kull interess li jista' jkollu u (5) Maria Gove` (K.I. 368477M) ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-Rikors** ta' Stephen Gove` (K.I. 387966M); Alan Gove` (K.I. Numru 127277M); Maria Formosa (K.I. Numru 21364M); Joseph Formosa (K.I. Numru 741162M) ghal kull interess li jista' jkollu u Maria

Gove` (K.I. 368477M) ghal kull interess li jista' jkollha li permezz tieghu huma jsostnu:-

*(i)* *Illi fit-28 t'Ottubru 2015, l-esponenti flimkien ma' ommhom Maria Dolores Govè (KI 16839M), illum defunta, kienu qablu u ddeċidew li jikkonvertu l-kumpanija ta' responsabbilità limitata EVOG COMPANY LIMITED (C-37076) f'partnership "en nom collectif" bl-isem ta' EVOG & CO ("Dok A");*

*(ii)* *Illi permezz ta' partnership agreement tal-istess data, ġiet imwaqqfa l-partnership "en nom collectif" EVOG & CO, liema partnership ingħata n-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali "P-1632" mir-Reġistratur tal-Kumpanniji. Id-data uffiċjali tar-reġistrazzjoni kienet id-9 ta' Marzu 2016 ("Dok B");*

*(iii)* *Illi permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dr John Gambin datat 11 ta' Jannar 2019, in kontemplazzjoni tax-xoljiment tal-partnership de quo, u sussegwenti għall-mewt ta' Maria Dolores Govè, l-assi appartenenti lill-partnership EVOG & CO ġew trasferiti lill-esponenti Stephen Govè; Alan Govè u Maria Formosa (KI 21364M) f'ishma indiviżi indaqs. Joseph Formosa u Maria Govè kienu dehru sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għat-trasferimenti in vista tal-fatt li r-reġim matrimonjali governanti ż-żwieġ tagħhom ma Maria Formosa u Alan Govè rispettivament huwa dak tal-Komunjoni tal-Akkwisti ("Dok C");*

*(iv)* *Illi fost l-assi li ġew trasferiti lill-esponenti kien hemm:*

a. *"The garage with its airspace named 'St Raphael Garage', without external number, accessible from a common passage or drive-in leading into Triq Francesco Zahra, Birkirkara, including its rights to and upon the said internal passage or drive-in, which garage is bounded on the West by said common passage which gives access to it, East by property of G.T. Co. Ltd or its successors-in-title, formerly property of Cape Inch Co. Ltd and North by property of Joseph Cardona; of the superficial area of circa two hundres and thirty point one square meters (230.10m2); the said garage overlies divided portions of warehouses numbered eighteen (18), twenty-two (22) and twenty-six (26) in Triq Karm Galea, Birkirkara; as subject to its rate of original annual and perpetual groundrent of four Euro and sixty-three cents (€4.63)" ; u*

b. *"the warehouse named 'Saint Michael', numbered eighteen (18), in Triq Karm Galea, Birkirkara, of the superficial area of circa two hundred and eighty square meters (280m2), underlying third-party property; this warehouse is bounded on the North-West by Triq Karm Galea, East by another warehouse belonging to*

*Defour Co. Ltd. or its successors-in-title, West by property built on plot eighteen (18) belonging to unknown third-parties, and South by a rock face underlying the said street, or other more correct boundaries; this warehouse is subject to the annual and perpetual groundrent of seventy-six Euro and eighty seven cents (€76.87) […]"*

*(v)* *Illi l-kejl taż-żewġ fondi appena deskritt kien ittieħed mill-Perit William Lewis u mmarkat fuq pjanti tar-Reġistru tal-Artijiet li kienu ġew uniti mal-kuntratt ippublikat minn Nutar Gambin. In parentesi, tajjeb jingħad ukoll li l-kejl kif indikat fuq din il-pjanta fir-rigward tal-fond 'St Raphael Garage" kien ta' mitejn u tletin punt wieħed u għoxrin metri kwadri (230.21m2) u mhux kif eventwalment iddikjarat fil-kuntratt (vide "Dok C1" u "Dok C2");*

*(vi)* *Illi fis-27 ta' Frar 2019, bħala s-soċji rimanenti tal-partnership EVOG & CO, l-esponenti kienu qablu u rriżolvew illi dan għandu jiġi xolt, bil-formula uffiċjali tiġi reġistrata l-għada, u ċioè fit-28 ta' Frar 2019. Il-partnership ġie effettivament struck-off mir-reġistru nhar it-23 ta' Lulju 2019 (" Dok D");*

*(vii)* *Illi f'dan l-aħħar żmien, l-esponenti daħlu fi trattattivi sabiex 'St Raphael Garage' jinbiegħ lil terzi u għal dan il-għan, ġie nkarigat il-Perit Pierre Poulton sabiex iħejji l-pjanta uffiċjali tal-Reġistru tal-Artijiet li tiġi unita mal-kuntratt eventwali. Minn dan l-eżerċizzju ta' kejl mill-ġdid magħmul mill-Perit Poulton irriżulta li fil-verità, il-kejl intern tal-garaxx huwa ta' mija u erba' u tmenin punt ħamsa metri kwadri (184.5m2), li jvarja b'mod konsiderevoli mill-kejl li kien ġie indikat fil-kuntratt tan-Nutar Gambin, li permezz tiegħu l-esponenti akkwistaw il-proprjetà tal-garaxx de quo. Ukoll hemm diskrepanza bejn l-forma tal-garaxx hekk kif immarkat fuq il-pjanta tal-Perit William Lewis minn dik hekk kif immarkat mill-Perit Pierre Poulton. Minn dan l-eżerċizzju ġie ċċertifikat ukoll li ankè l-forma u l-kejl tal-passaġġ li jagħti għall-imsemmi garaxx ivarjaw b'mod konsiderevoli għaliex fil-pjanta tal-Perit William Lewis li hi annessa mal-kuntratt tan-Nutar John Gambin preċitat, dan il-passaġġ ġie mniżżel li għandu kejl ta' mija u ħamsa u disgħin punt disgħa u tletin metri kwadri (195.39 m2) mentri fil-verita dan għandu kejl ta' mitejn u għaxra punt sitta metri kwadri ( 210.6 m2) u dana in vista tal-pjanta tal-Perit Pierre Poulton sopraċitata. ("Dok E");*

*(viii)* *Illi in segwitu tal-iskoperta tad-divarju affliġġenti l-fond 'St Raphael Garage', l-esponenti inkarigaw lill-Perit Jeanette Muñoz Abela u lis-Surveyor Vincent Camilleri sabiex tiġi ukoll mistħarrġa l-korrettezza tal-qisien tal-maħżen 'St Michael' li huwa in parte sottostanti l-fond 'St Raphael Garage'. Minn dan l-eżerċizzju, irriżulta li hawn ukoll kien hemm żball fil-forma u l-miżura tal-imsemmi garaxx u fil-verità, il- kejl tal-garaxx huwa ta' mitejn u seba' u ħamsin metri kwadri*

*(257m2), li ukoll ivarja b'mod konsiderevoli mill-kejl li kien ġie indikat fil-kuntratt tan-Nutar Gambin ("Dok F");*

*(ix) Illi allura, jsegwi li safejn jirrigwarda l-fondi 'St Raphael Garage' u 'St Michael', id-devoluzzjoni tal-assi tal-partnership kif ukoll l-istralċ tiegħu kienu afflitti minn żball serju u materjali li llum qed jarreka preġudizzju lill-esponenti, li jixtiequ jbiegħu il-garaxx lil terzi mingħajr problemi u xkiel legali;*

*(x) Illi għaldaqstant, sabiex l-istralċ tal-imsemmi partnerhip "en nom collettif" EVOG & CO bin-numru ta' reġistrazzjoni P-1632 jiġi formalizzat u konluż sewwa, kompletament, u skont il-liġi, filwaqt li t-termini governanti l-imsemmi stralċ jibqgħu fermi, jinħtieġ li ssir id-debita korrezzjoni tal-kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dr John Gambin tal-11 ta' Jannar 2019 sabiex il-kejl hemm indikat tal-fondi 'St Raphael Garage' u 'St Michael' jiġi koreġuti u sostitwiti bil-kejl veru u korrett;*

*(xi) Illi l-att korrettorju opportun ma jistax iseħħ ħlief jekk l-isem tal-partnership "en nom collettif" EVOG & CO bin-numru ta' reġistrazzjoni P-1632 ma jerġax jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u l-istralċ jerġa' jinfetaħ biex jiġi rektifikat u formalizzat skont il-liġi;*

*(xii) Illi din is-sitwazzjoni anomalika u diffikultuża ma nħolqitx b'konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tal-esponenti li għamlu dak kollu mistenni minnhom skont il-liġi billi inkarigaw persuni professjonali biex jassistuhom jagħmlu kollox sewwa;*

*(xiii) Illi l-esponenti għandhom l-interess meħtieġ sabiex jitolbu li jirrettifikaw il-pożizzjoni legali tagħhom in kwantu jifformalizzaw b'mod korrett l-assenjazzjoni u d-devoluzzjoni tal-assi minn fuq il-partnership "en nom collettif" EVOG & Co għal fuq isimhom, kif kien jikkontempla l-istralċ minnhom miftiehem;*

*(xiv) Illi l-preġudizzju li jistgħu jsofru l-esponenti fin-nuqqas li ssir il-korrezzjoni meħtieġa huwa wieħed inġenti u serju u dana stante li ddevoluzzjoni u l-konsegwenti assenjazzjoni tal-fondi 'St Raphael' u 'St Michael' hija vizzjata minħabba żball ta' portata kbira fil-kejl rispettiv tal-fondi indikati fuq l-kuntratt preċitat u kif delineat fuq il-pjanti annessi mal-istess kuntratt u b'hekk, it-titolu tal-esponenti fuq l-istess bħalissa huwa vizzjat f'dan is-sens u qed isarraf f'diffikultajiet kbar biex isir l-eventwali bejgħ tagħhom;*

*(xv) Illi minħabba l-fatt li l-partnership "en nom collectif" EVOG & CO, bin-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali P-1632, illum jinsab xolt, iżda ma ilux*

*hekk xolt għal aktar minn ħames snin, l-esponenti m'għandhomx rimedju ieħor disponibbli għalihom u għalhekk qed jitolbu l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*(xvi) Illi fir-rigward tar-rimedju prospettat minnhom permezz ta' din ir-rikors, l-esponenti jirreferu għall-provvediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti wara r-rikors intavolat minn Edward Micallef et (Rikors Numru 6/2019 JZM) u l-preċedenti fih kwotati, u jirrilevaw li l-fatti ta' dan il-każ jiġġustifikaw u jitolbi l-għoti tal-istess rimedju ispirat mutatis mutandis mill-Artikolu 300B tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħoġobha:*

*(i) Tordna li isem il-partnership "en nom collettif" EVOG & CO, bin-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali P-1632 jerġa' jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u l-istralċ tal-istess partnership "en nom collettif" jerġa' jinfetaħ sabiex dan jiġi rektifikat u formalizzat skont il-liġi u skont kif premess u fuq espost;*

*(ii) Taħtar kuratur jew kuratori sabiex jidhru għan-nom tal-partnership "en nom collettif" EVOG & CO, bin-numru ta' reġistrazzjoni uffiċjali P-1632, fuq kull att neċessarju u opportun sabiex issiru d-debiti korrezzjonijiet tal-kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dr John Gambin tal-11 ta' Jannar 2019 skont kif premess u fuq espost, inkluż is-sostituzzjoni tal-Land Registry Plans relattivi;*

*(iii) Taħtar lin-Nutar Pubbliku Dr Sylvana Borg, jew kwalunkwe Nutar Pubbliku ieħor a xelta tal-Qorti sabiex jippubblika l-att korrettorju opportun u dana f'data ħin u lok li jogħġobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti;*

*(iv) Tagħti kull ordni jew provvediment ieħor, inkluż kull ħatra ulterjuri, li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, sabiex l-esponenti jottjenu rimedju.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 5 sa fol 23).

Rat **id-digriet** taghha tal-14 ta' Mejju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 fl-12:30pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-4 ta' Mejju 2021 (ara tergo ta` fol 24).

Rat illi fil-24 ta' Mejju 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 26), li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża, peress illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikkorenti, huwa jirrimetti ruħu għall-ġudizzju abbli ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-partnership in kwistjoni ġiet stabbilita b'riżultat ta' konverżjoni ta' kumpanija u sussegwentement ġiet ikkanċellata taħt id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995.Illi fl-istess Att m'hemm l-ebda provvediment illi jipprovdi għall-ftuħ u għar-rattifika tal-proċess ta' stralċ wara Illi l-isem ta' partnership ikun ġie mħassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji;*

*Illi l-esponent ma jixtieqx illi jinħoloq preċedent abbużiv u perikoluż fejn is-soċji jibdew il-proċess ta' stralċ ta' partnership u jippreżentaw id-dokumentazzjoni finali għall-kanċellament tal-isem tal-partnership (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***'A'****) b'mod leġġer u qabel ma dawn ikunu aċċertaw ruħhom sew illi l-pendenzi u l -formalitajiet li titlob minnhom il-ligi ġew verament finalizzati. Dan għaliex ikunu taħt l-impressjoni komda, illi jekk wara tinqala l-ħtieġa, jistgħu japplikaw il-Qorti sabiex jikkoreġu dak illi kien f'dmir tagħhom illi jieħdu ħsieb qabel ma tintbagħat id-dokumentazzjoni għax-xoljiment u konsegwentament għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' minn fuq ir-Reġistru;*

*Dan permess, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi f'dan il-każ partikolari għandha tagħti xi forma ta' rimedju, dan għandu jiġi akkordat biss għar-raġunijiet u esiġenzi ta' ġustizzja u prattiċita' u kemm il-darba ma' jistax jiġi provdut rimedju iehor. Tali rimedju għandu jitqies bhala wieħed eċċezzjonali u straordinarju u mhux wieħed illi jiġi aċċettat u akkordat faċilment;*

*Illi dan ir-rimedju m'għandux jitqies bħala wieħed illi jfejjaq kwalunke manifestazzjoni ta' traskuraġni jew negliġenza kommessi matul il-proċess ta' stralċ;*

*Illi l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi kwalunkwe ftuħ tal-proċess ta' stralċ għandu jsir biss sabiex isiru l-formalitajiet kollha illi baqgħu ma sarux mill-azzjonisti u għal ebda skop ieħor;*

*Illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan ir-rimedju eċċezzjonali għandu jiġi akkordat bħala wieħed straordinarju u fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalunkwe element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni billi tiġi assikurata ċertezza dwar l-istatus tal-partnership. Għalhekk fis-sentenza għandhom jiġu stabbiliti proċedurali ad hoc u preċiżi sabiex jiġu konklużi l-passi kollha meħtieġa sabiex ir-Reġistratur ikun jista' jipproċedi kemm jista' jkun malajr għat-tħassir definittiv tas-soċjeta' mir-Registru mingħajr ma l-affarijiet jitwalu mingħajr bżonn.*

*Bl-spejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021, dehru r-rikorrenti assistiti mill-Avukat Mattia Felice u semghet ix-xhiedha ta' l-istess Stephen Gove` filwaqt illi gie ppresentat ukoll affidavit ta' l-istess rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet qabblu illi r-rikors jithalla ghall-provvediment finali kif qed isir illum.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi kif jirrizulta mill-atti, ir-rikorrenti kienu kkonvertew il-kumpannija ta' responsabbilita limitata **EVOG Company Limited** bin-numru C 37076 f'partnership "*en nom collectif*" bl-isem ta' **EVOG & CO** bin-numru P-1632, u dan fid-9 ta' Marzu 2016. L-istess partnership *en nom collectif* giet struck off mir-Registru nhar it-23 ta' Lulju 2019.

Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor John Gambin datat 11 ta' Jannar 2019, stante x-xoljiment tal-partnerhsip *en nom collectif*

EVOG & CO, l-assi appartenenti lil din il-partnership gew trasferiti lir-rikorrenti Stephen Gove, Alan Gove u Maria Formosa f'ishma indaqs bejniethom. Illi fost dawn l-assi kien hemm:

i) garage maghruf bhala "**St. Raphael Garage**", li fid-deskrizzjoni tieghu nghata kejl ta' mitejn u tletin punt ghaxar metri kwadri (230.10 m.k.) u,
ii) mahzen maghruf bhala "**Saint Michael**" tal-kejl ta' madwar mitejn u tmenin metri kwadri (280 m.k.).

Gara li dan l-ahhar, ir-rikorrenti dahlu f'trattativi sabiex jbieghu "St. Raphael Garage" lil terzi, u meta gie nkarigat l-Perit Pierre Poulton sabiex ihejji l-pjanta ufficjali, irrizulta li l-kejl ta' dan l-garage kien effettivament ta' mija erbgha u tmenin punt hamsa metri kwadri (184.5 m.k.). Ghalhekk irrizulta li dan ivarja b'mod konsiderevoli mill-kejl li kien gie ddikjarat fil-kuntratt tan-Nutar Gambin. Minbarra dan irrizulta li hemm ukoll diskrepanza fil-forma tal-garage.

Wara li rrizultat din d-diskrepanza fir-rigward tal-garage, ir-rikorrenti kienu nkarigaw perit sabiex jevalwa ukoll l-kejl tal-mahzen "Saint Michael", u fil-fatt irrizulta illi anke hawn kien hemm zball fil-forma tal-mahzen u li l-kejl kien mitejn u sebgha u hamsin metru kwadru (257 m.k.). Ghalhekk anke fir-rigward tal-mahzen kien hemm varjazzjoni kbira minn dak deskritt fil-kuntratt tan-Nutar Gambin.

Illi ghalhekk in segwitu ghal dan kollhu, jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom interess illi l-partnership *en nom collectif* **EVOG & CO** (P-1632) terga` tigi restitwita fuq ir-Registru sabiex ikunu jistghu jaghmlu d-debita korrezzjoni tal-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor John Gambin tal-11 ta' Jannar 2019, sabiex il-kejl tal-fondi "St. Raphael Garage" u "Saint Michael" jigu korretti u sostwiti bil-kejl veru u korrett.

### L-Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun*

> *vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> *(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tghid illi ma hemm xejn fl-atti illi ghandu jew jista' jindika illi l-izball li sar fil-forma u fil-kejl tal-proprjetajiet msemmija fir-rikors promotur kien ghajr ghax bi zvista/zball. Di piu, huwa bil-wisq car u evidenti illi dan l-izball fil-forma u fil-kejl tal-proprjetajiet jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Il-Qorti ghalhekk thoss illi l-uniku mod sabiex jigi rimedjat dan l-izball huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

**Ghaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun gust u ekwu illi tqis illi l-izball formali li sar fid-deskrizzjoni u fil-kejl tal-proprjetajiet msemmija fir-rikors promotur (garage bl-isem ta' St. Raphael Garage u mahzen bl-isem ta' St. MIchael) u kif maghmula fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin datat 11 ta' Jannar 2019, li sar qabel ix-xoljiment tal-partnership *en nom collectif* EVOG & Co (P1632), kien illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u ghalhekk ser tghaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l- assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk.

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tordna li isem il-partnership *en nom collectif* **EVOG & Co. bin-numru (P1632)** jerga' jigi restitwit fuq ir-Registru ta-Socjetajiet u l-istralc tal-istess partnership *en nom collectif* jerga' jinfetah, sabiex jigi ratifikat dak li qieghed jigi deciz hawn fuq;

2. **Tordna** lir-Registratur tas-Socjetajiet sabiex sa xahar mid-data tal-llum, l-isem **EVOG & Co (P 1632)** jerga` jidhol fir-Registru tas-socjetajiet u jsiru dawk il-formalitajiet kollha necessarji u skond il-ligi;

3. **Tordna** li din r-restituzzjoni isir ghal perijodu ta' massimu ta' sena mill-lum sakemm il-partnership *en nom collectif* **EVOG & Co (P 1632)** tidhol ghal kull att necessarju u opportun sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet tal-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin datat 11 ta' Jannar 2019, fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet hawn deskritti:

   (a) *The garage with its airspace named 'St. Raphael Garage', without external number, accessible from a common passage or drive-in leading into Triq Francesco Zahra, Birkirkara, including its rights to and upon the said internal passage or drive-in, which garage is bounded on the West by said common passage which gives access to it, East by property of GT Co. Ltd. or its successors in title, formerly property of Cape Inch Co. Ltd. and North by property of Joseph Cardona; ...... The said garage overlies divided portions of warehouses numbered eighteen (18), twenty-two (22) and twenty-six (26) in Triq Karm Galea, Birkirkara; as subject to its rate of original annual and perpetual groundrent of four Euro and sixty-three cents (€4.63) u*

   (b) *the warehouse named 'Saint Michael' numbered eighteen (18), in Triq Karm Galea, Birkirkara, …. underlying third party property; this warehouse is bounded on the North-West by Triq Karm Galea, East by another warehouse belonging to Defour Co. Ltd. or its successors-in-title, West by property built on plot eighteen (18) belonging to unknown third-parties, and South by a rock face underlying the said street, or other more correct boundaries; this warehouse is subject to the annual and perpetual groundrent of seventy-six Euro and eighty seven cents (€76.87).*

4. **Tahtar** bhala kuratur ghal kull eventwali kontumaci lil Avukat Anna Mifsud Bonnici sabiex tidher ghan-nom tal-partnerhip *en nom collectif* EVOG & Co bin-numru P 1632 jew kwalsiasi persuna ohra li tkun necessarju tidher fuq l-att korrettorju u fuq kull att necessarju u opportun rikjest sabiex jigu finalizzati dawn l-korrezzjonijiet;

5. **Tahtar** lin-Nutar Dr. Sylvana Borg sabiex tippublika l-att korrettorju u dan fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Jannar u l-15 ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), iz-zewg dati msemmija inkluzi, a spejjes tar-rikorrenti;

6. **Tordna** li l-ispejjez ta' din il-procedura u kif ukoll kwalsiasi spejjez li jista` jinkorri r-Registratur intimat ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**